ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tat-12-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

It-tnax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 27 ta' April, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-Chairperson is-Sinjura Maria Elena Debattista ppresediet il-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Elena Debattista, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia. Il-Viċi-Chairperson, is-Sur Norman Clews kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-ħdax-il laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm affarijiet mill-minuti.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat li l-allokazzjoni għas-sena 2011 ser tkun ta' €62,562. Flimkien ma' din l-ittra ntbgħatet ukoll tabella li tindika kif din l-allokazzjoni ġiet imqassma. Fuq proposta tas-Sinjura Debattista li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat Amministrattiv approva unanimament l-estimi annwali għas-sena finanzjarja 2011.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kumitat korrispondenza li ntbgħatet mis-Sur Kevin Zahra f'isem Transport Malta rigward il-*bus shelter* li hemm fi Triq San Leonardu. Fl-ittra tiegħu s-Sur Zahra qal li wara spezzjoni li saret mill-uffiċjali ta' Transport Malta irriżulta li l-ilmenti mressqa mill-Kumitat Amministrattiv m'humiex ġustifikati. Is-Sur Luciano Farrugia ppropona li l-Kumitat jikteb lil Transport Malta fejn jitlob biex jiltaqa' ma' rappreżentat sabiex jiġu diskussi l-ilmenti li tressqu mill-Kumitat rigward dan il-*bus*

*shelter*. Is-Sinjura Debattisita ssekondat lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li ssir din it-talba.

Item 5 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Luciano Farrugia ppropona li l-Kumitat jikteb lil Transport Malta dwar il-periklu kbir li hemm għas-sewwieqa li jkunu deħlin u ħerġin mill-entratura ta' Triq l-Għakrux. Hu ssuġġerixxa li s-*central strip* li hemm f'din l-entratura għandha titbaxxa għax qegħda tkun ta' periklu għas-sewwieqa speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħaxija meta tkun anqas viċibbli. Is-Sur Agius issekonda lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Agius irrefera għall-korrispondenza dwar l-istemma li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab li għandha ssir għal kull Kumitat Amministrattiv. Is-Sur Agius ippropona li l-Kumitat jitlob il-parir tal-istoriku s-Sur Karmenu Bonavia biex jigwida lill-Kumitat dwar kif l-aħjar għandha ssir din l-istemma. Is-Sur Luciano Farrugia ssekonda lis-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament li jintalab dan il-parir.

Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kumitat li saritlu mid-Deputat Parlamentari l-Onorevoli Dr Stefan Buontempo xtaq li jiltaqa' mal-Kumitat Amministrattiv. Is-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat qabel unanimament li jsir appuntament għal-laqgħa ma' Dr Buontempo.

Is-Sinjura Maria Elena Debattista talbet sabiex jinqata' l-qasab li hemm mal-ġenb ta' Triq il-Farfett tal-Fejġel u minflok jittella' ħajt ta' lqugħ. Is-Sinjura Debattista talbet ukoll li jsir *patching* f'din it-triq.

Is-Sur Mario Bartolo talab li jittieħdu passi biex il-bankina li ġiet imkissra minn kuntrattur privat fi Triq iż-Żagħrun tiġi rranġata mingħajr aktar dewmien. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li diġa kienet ittieħdet azzjonibiex din il-bankina tiġi irranġata.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-tlettax-il laqgħa li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2011.

Marie Elena Debattista
Chairperson